**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Frar, 2016

Rikors Nru : 158/12 AL

**A B f'isimha proprju u f'isem iz-zewg ulied minorenni taghha N B u KB, mahtura kuratrici ad litem taghhom b'digriet tal-4 t'Ottubru 2012.**

**-vs-**

**J B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi hija zzewget lil J B fil-5 ta' Lulju 2008 u ghandhom zewgt itfal, N ta' tliet (3) snin u Kta' sena u tliet (3) xhur, ahwa B;
2. Illi sfortunatament inqalghu hafna problemi fiz-zwieg minhabba inkompatibilita` ta' karattru minbarra nuqqas ta' responsabbilta`, sevizji, thedid u ingurji gravi min-naha tal-intimand kif ukoll nuqqas ta' hlas xieraq ta' manteniment u ghalkemm ghamlet diversi tentattivi dan kien ghalxejn;
3. Illi hija nghatat il-permess biex tmexxi b'din il-kawza – Dok. B.

Talbet li l-intimand jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B u dan minhabba tortijiet imputabbli lil J B;
2. Tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minorenni N u Kahwa B f'idejn l-attrici b'access xieraq ghal missierhom l-intimand.
3. Tordna li fid-dar taz-zwieg – proprjeta` tal-genituri tal-attrici – tghix biss l-attrici maz-zewg uliedha minorenni;
4. Tiffissa retta xierqa ta' manteniment ghall-attrici u z-zewg ulied minorenni taghha;
5. Tikkundanna lill-intimand Jesmond B ihallas din ir-retta alimentari;
6. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti, tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet b'mod li jkunu komminati kontra l-intimand d-disposizzjonijiet tal-art. 48 tal-Kap 16.

Bl-ispejjez kontra l-intimand imharrek minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk hu kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 48 et seq, ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, talba specifika biex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn l-attrici u talba specifika ghall-manteniment kemm ghall-istess attrici kif ukoll ghall-minuri.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat gie debitament notifikat, baqa' ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu u konsegwentement huwa meqjus bhala kontumaci f'dawn il-proceduri.

**Verzjoni ta' l-attrici**

L-attrici ipprezentat ix-xiehda taghha permezz ta' affidavit[1] u tghid li saret taf lill-konvenut meta kellha 24 sena u huma zzewgu fil-5 ta' Lulju 2008, meta kienet diga' tqila bit-tifel il-kbir N li twieled fis-27 ta' Frar 2009. Il-konvenut kien jahdem ma' kumpanija tal-kostruzzjoni u kien jaqla €360 kull hmistax, b'dan li hu kien jaghtiha €100 manteniment kull hmistax. Ir-relazzjoni taghhom bdiet tmur lura minn meta l-attrici bdiet tilmenta li l-flus li kien jaghtiha ma kienux bizzejjed, u ghalhekk il-konvenut telaq ghal ftit jiem mid-dar minhabba li beda jirrabja u kif l-attrici regghet ilmentat, il-konvenut rega' telaq mid-dar f'Mejju 2010. L-attrici bdiet tghix fuq somma zghira ta' €1000 li kienet warrbet mic-*Children's Allowance* u sa Dicembru 2010 il-konvenut kien imur id-dar biex jara t-tifel tal-partijiet u f'dan iz-zmien l-attrici inqabdet tqila bit-tieni tarbija li twieldet fil-21 t'April 2011, u xi hmistax qabel ma twieldet it-tarbija, l-konvenut ried jerga' jitlaq, izda ma telaqx tant kemm sfurzatu l-attrici. Il-konvenut rega' telaq mid-dar matrimonjali meta t-tifla z-zghirha kellha biss tlett xhur u sadanittant l-attrici bdiet tmur ghal *counselling* wahedha, izda l-konvenut ma riedx jirranga. L-attrici tghid li bdiet tghix fuq ic-*children's allowance* tat-tifel ghaliex l-allowance tat-tifla ma setghetx tehodha minhabba li l-konvenut ma riedx jiffirmalha, izda hi bdiet tehodha grazzi ghall-ghajnuna li rceviet minghand is-*social workers*. L-attrici tghid li minkejja l-medjazzjoni, l-konvenut jaghti biss manteniment ta' €150 fix-xahar. L-attrici tikkonkludi l-affidavit taghha billi tghid li sa Awissu 2012 il-konvenut baqa' jmur jara lit-tfal "'l hawn u 'l hinn" izda darba refa' jdejh fuq it-tifel ghal xejn, u sussegwentement il-konvenut ircieva ittra mill-ETC li spicca mix-xoghol, u meta cemplitlu ghal flus, qalilha li qieghed jghix ma' mara ohra, u li issa kien xoghol l-attrici biex tara kif se titma' lit-tfal.

[1] Ezebit a fol 32 tal-process

L-attrici terga' tixhed *viva voce*[2] u tikkonferma mal-Qorti li ma tahdimx u li ma kenitx bi hsiebha ssib xoghol sakemm jikbru t-tfal. Hija terga' tixhed ukoll fis-17 t'April 2013[3] u zzid li saret taf li zewgha jghix ma' mara ohra, izda ma taf xejn iktar dwar dan. Dan tafu ghax ir-ragel taghha qalilha li ghandu ohra. Hi tghid li l-konvenut qatt ma jghaddilha manteniment ghat-tfal u kull ma kien ghaddielha kienu zewg pagamenti meta kienu nfethu l-proceduri tal-medjazzjoni, fl-ammont ta' mija  u hamsin (€150) Ewro ghal kull wild b'total ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar.

L-attrici terga' tixhed *viva voce*[4] u tghid li d-dar taz-zwieg stabbilewha l-partijiet izda din m'hix id-dar taghhom izda d-dar tal-genituri taghha u l-genituri taghha ma jithallsux kera. Huma jhallsu biss id-dawl u l-ilma. L-attrici ghadha tghix f'din id-dar, izda l-konvenut telaq minn din id-dar u hi baqghet tghix hemmhekk ghalkemm tkun sikwit id-dar tal-genituri taghha. Il-konvenut telaq minn din id-dar fit-18 t'Awissu tas-sena 2010.

## Verzjoni Konvenut

Illi kif il-Qorti diga' irrilevat, l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri, u ghalhekk m'ghandiex il-verzjoni tal-konvenut fil-kaz odjern.

## Il-provi migbura quddiem din il-Qorti

Tixhed Sister Rose Rizzo[5] li tahdem bhala *social worker* mal-fondazzjoni *Jean Antide Foundation*. Hi tghid li l-attrici saret tafha tlett snin ilu u li l-attrici kienet bdiet ma' *social worker* ohra imbaghad kompliet max-xhud. L-ilment ta' l-attrici maghha kien li l-konvenut ma jafx jiddiskuti u kien jaqbad u jitlaq il-barra, b'dan li kienet tispicca ghal tul ta' zmien bla flus, u ghalhekk l-attrici kienet kostretta tibda' l-proceduri tal-medjazzjoni. Ix-xhud rat sms li allegament kien baghat il-konvenut lill-attrici u dan l-sms kellu kontenut oxen. L-attrici ghamlet kors mal-*Caritas* li fih tghallmet xi *skills* fosthom *budgeting*, kif isajru, kif jixtru l-affarijiet b'ekonomija u

[2] A fol 47 ara xhieda datata 14 ta' Frar 2013

[3] A fol 70 tal-process xhieda datata 17 t'April 2013

[4] Ara fol 87 tal-process xhieda datata 17 t'April 2013

[5] A fol 85 tal-process, ara xhueda datata 16 ta' Lulju 2013

affarijiet simili. Tghid ukoll li xi *handymen* li jahdmu maghhom ghamlu xi xoghol fid-dar ta' l-attrici b'xejn. Hi tghid li l-problema principali ta' l-attrici hija li ma jkolliex flus bizzejjed u ghalhekk huma jassistuha biex tibda proceduri fil-Qorti.

L-attrici ezebiet kuntratt ta' kompra-vendita datat 30 t'Ottubru 1989[6] li juri li d-dar matrimonjali tal-partijiet hija propjeta' tal-genituri ta' l-attrici. L-attrici ezebit ukoll pitazz li fih hemm ircevuti relattivi ghall-ghixien taghha u taz-zewg uliedha datati minn Mejju 2012, dawn juru l-ghixien, apparti d-dawl u l-ilma, li thallsu l-attrici ukoll.[7]

Xehdu wkoll rapprezentant mill-Bank of Valletta u r-rapprezentant mill-APS Bank[8].

L-attrici ghandha erba' kontijiet mal-BOV Bank:

1. Savings numru 40014991754, liema kont inghalaq fit-2 t'Ottubru 2010[9];
2. Savings numru 40017865405, liema kont ghadu attiv[10];
3. Young savers account numru 40018077506 li nghalaq fil-21 t'April 2010[11];
4. Savings numru 40018796337[12], liema kont ghadu attiv;

Il-konvenut ghandu zewg kontijiet:

1. Savings numru 40013421270, liema kont inghalaq fis-6 ta' Gunju 2011[13];
2. Kont numru 40018598331, liema kont ghadu attiv u ghandu bilanc ta' zero[14];

Il-partijiet m'ghandhomx kontijiet ma' l-APS Bank.

---

[6] A fol 92 tal-process
[7] A fol 99 sa 143 tal-process
[8] A fol 158 ara xhieda datata 26 ta' Marzu 2014
[9] Ezebit a fol 160 sa fol 166 tal-process
[10] Ezebit a fol 167 sa fol 192 tal-process
[11] Ezebit a fol 193 sa fol 194 tal-process
[12] Ezebit a fol 195 sa fol 207 tal-process
[13] Ezebit a fol 208 sa fol 216 tal-process
[14] Ezebit a fol 217 sa fol 221 tal-process

**Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg**

Fir-rikors guramentat u fl-affidavit taghha u l-attrici qeghda tibbaza t-talba ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba inkompatibilita' ta' karattru, minhabba nuqqas ta' responsabbilita', sevizji, theddid, ingurji gravi min-naha tal-konveut kif ukoll nuqqas ta' hlas xieraq ta' manteniment.

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentment hemm lok ghall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Rigward ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti hija tal-fehma li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici u dan peress li l-verzjoni tal-fatti taghha ma hix kontraddetta.

L-attrici tiddikjara li l-konvenut telaq ghal kollox mid-dar matrimonjali fit-18 t'Awissu 2010, dan fix-xiehda taghha datata 17 t'April 2013, madanakollu fl-affidavit taghha hi tghid li l-konvenut telaq ghal kollox mid-dar matrimonjali f'Lulju 2011. L-attrici tghid li dan kien jigri diversi drabi, hekk kif titlob xi haga tal-flus lill-konvenut, hu kien jaqbad u johrog il-barra u jaghmel xi zmien nieqes u dan sakemm telaq ghal kollox mid-dar matrimonjali f'Lulju 2011. Illi apparti minn hekk, jirrizulta li l-konvenut wera dizinteress totali fil-familja tieghu ladarba telaq mid-dar matrimonjali u dan minhabba problemi li setghu facilment jissolvew bejn koppja mizzewga. Il-fatt li l-attrici kienet tithalla dejjem tistenna l-manteniment biex tkun tista' tghajjex lil uliedha jkompli jsahhah l-argument ta' l-attrici li l-konvenut kien il-persuna li tort tieghu tkisser iz-zwieg bejniethom minhabba dak kontemplat fl-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jattira *ex lege* l-konsegwenzi indikati fl-Artkolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut.

Ghalhekk l-ewwel talba jisthoqqilha li tigi milqugha, b'dan li din il-Qorti tordna l-firda personali bejn il-partijiet tort tal-konvenut.

**Dwar it-talba ghall-kura u kustodja ta' l-ulied minuri**

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet ghandhom zewgt ulied minuri, N u K. It-talba ghall-kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju ta' l-ahjar interessi tal-minuri. Wara li semghat il-provi kollha migbura fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-attrici tkun fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri N u K, anke in vista' tal-fatt li l-minuri ilhom ma jaraw lill-konvenut ghal zmien twil u ghalhekk irid ikun hemm raguni valida ghaliex ir-rutina tal-minuri ghandha tigi mibdula. Fuq kollox m'hemm l-ebda prova li turi li r-rikorrenti m'hijiex omm idoneja ghall-istess minuri, wara li li gie ppruvat li l-missier ghandu ftit li xejn kuntatt maghha. Il-Qorti tara wkoll li min-naha tal-konvenut, m'hemmx interess li hu jkollu access ghall-minuri. Tenut kont ta' dan, il-Qorti thoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri N u Kli l-kura u kustodja ta' l-istess tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici.

**Dwar it-talba ghall-manteniment tal-wild**

F'dan il-kuntest, il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja*"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta'l-ulied*."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta' l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess ulied, pero' jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genturi versu l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta' l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri, izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, l-unika prova li ghandha quddiemha din il-Qorti hija li l-attrici tistrih fuq l-ghajnuna socjali u dwar il-konvenut, l-ahhar li taf l-attrici hu li l-konvenut kien disokkupat, izda tenut kont ta' dan kollu, kif diga' gie rilevat, it-tfal N u Kghandhom id-dritt ghall-manteniment.

Illi tenut kont ta' dak diga' hawn fuq ipprecizat, tenut kont kif diga' intqal li l-konvenut huwa missier il-minuri N u Ku ghandu l-obbligu li jmantni lill-minuri, flimkien ma' l-attrici, irrispettivament mill-introjtu li ghandu. F'dan il-kuntest, il-Qorti thoss li jkun ewku u gust li l-konvenut jigi ordnat li ihallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghal kull wiehed mill-minuri. Jigi rilevat li tali manteniment jinkludi fih spejjez relattivi mas-sahha u edukazzjoni ta' l-istess ulied. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jkun aktar prattiku li l-intimat ihallas somma fissa fix-xahar, milli jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, stante li l-komunikazzjoni bejn il-partijiet hija wahda inezistenti u tali arrangement mhux wiehed prattiku. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlqu t-tmintax (18)-il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement isiru maggorenni u jkunu qeghdin jistudjaw fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess minuri jieqfu jistudjaw fuq bazi full-time jew jilhqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-

Qorti qeghda tilqa' din it-talba fil-konfront tat-tfal minuri N u K. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja, u ghandu jinqata' direttament mill-paga jew mill-ghajnuna socjali li qieghed jircievi l-konvenut.

**Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-attrici ghaliha nfisha**

Rigward it-talba ghall-manteniment tal-attrici, il-Qorti tosserva li l-attrici m'ghandhiex interess tahdem hlief meta jikbru t-tfal. Il-Qorti ma tafx jekk l-attrici hix qeghda tahdem illum. Madanakollu l-Qorti osservat li l-attrici tghix fid-dar tal-genituri taghha u m'ghandiex il-pizijiet ta' hlas ta' self bankarju jew kera. Ghalhekk il-Qorti tqis li tenut kont li l-attrici ghandha l-appogg tal-genituri taghha, kif ukoll li l-attrici ghadha zghirha u ghandha potenzjal tahdem, il-Qorti llum mhux se tillikwida ammont ta' manteniment x'jinghata lill-attrici minghand il-konvenut.

Izda, fin-nuqqas ta' provi li juri li l-attrici ma tistax tahdem minhabba ragunijiet medici, u filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi l-possibilitajiet taghha li biex issib xoghol *full-time* huma ristretti, kif ukoll wara li l-Qorti kkunsidrat in-nuqqas ta' introjtu ta' zewgha, u wkoll l-eta' zghira ta' l-attrici, l-Qorti thoss li *rebus sic stantibus* mhux il-kaz li jigi komputat manteniment ghaliha minghand zewgha, izda din il-Qorti tafferma illi tenut kont li l-parti hatja tas-separazzjoni huwa l-konvenut, l-attrici jkollha dritt li tezigi manteniment minghand il-konvenut ghaliha kemm il-darba din tisfa' bla mezzi adegwati ghall-ghejxien taghha, ghal ragunijiet li ma jkunux fil-kontroll taghha.

**Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti**

L-assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huma il-kontijiet bankarji li ipprezentaw ir-Rapprezentanti tal-Banek u ghalhekk rigward il-kontijiet tal-bank, il-Qorti tordna li l-kontijiet kollha ghandhom jigu assenjati f'isem min qeghdin diga' intestati.

Illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kwalunkwe dejn li jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghandu jithallas b'mod totali mill-konvenut u l-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali 3, Triq Wied Glavan, Xghajra jigu assenjati lill-attrici.

**Dwar id-dekadenza tal-konvenut**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*
*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."*

Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-konvenut huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat fil-kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg", u dan minhabba l-abbandun totali li huwa ikkommetta u ghalhekk tara li hemm ir-rekwiziti necessarji biex jigi applikat kontra l-istess konvenut l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dwar it-talba biex l-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha[15]**

Rigward din it-talba, l-Qorti ser taghmel referenza ghall-Artikolu 62 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

*62. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 4(4), il-mara tista' wara s-separazzjoni tagħżel li tirreverti għal kunjom xbubitha jew għal kunjom żewġha li jkun miet qabilha. F'każ ta' separazzjoni konsenswali, għandha ssir dikjarazzjoni dwar dik l-għażla fl-att pubbliku ta' separazzjoni, u f'każ ta' separazzjoni ġudizzjarja, il-mara għandha*

[15] Talba li saret permezz ta' rikors datat 14 ta' Dicembru 2015

*tagħmel dik id-dikjarazzjoni b'nota ppreżentata fl-atti tal-kawża qabel is-sentenza.*

*(2) Il-qorti tista' wkoll, fuq talba tar-raġel, li tista' ssir f'kull żmien qabel is-sentenza, tipprojbixxi lill-mara milli tkompli tuża kunjom żewġha wara s-separazzjoni, meta dak l-użu jista' jkun ta' preġudizzju gravi lir-raġel.*

Il-Qorti hawnhekk tirrileva li ma kienx necessarju li l-attrici taghmel talba permezz ta' rikors biex timmanifesta l-intenzjoni taghha li tirritorna ghal kunjom xbubitha. Nota fl-atti kienet tkun bizzejjed. Ghaldaqstant peress li l-attrici ghamlitha cara li tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha, il-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu tal-Ligi citat, tilqa' din it-talba u tordna li mid-data ta' din is-sentenza l-quddiem hija terga tirreverti lura ghal kumjom xbubitha u cioe' dak ta' Lia.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja li z-zwieg bejn il-partijiet tkissier irrimedjabbilment minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri N u K tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici, b'dan li l-minuri jibqghu jirrisjedu ma' l-attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li fid-dar matrimonjali 3, Triq Wied Glavan, Xghajra tibqa' tghix esklussivament fiha l-attrici flimkien ma' uliedha minuri;

4. Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tilqa' l-hames talba billi tiffissa u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn (€200) kull erba' gimghat <u>ghal kull wiehed mill-minuri</u>, N u K, liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja u jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni ta' l-istess ulied. Il-Qorti tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm l-istess tfal N u Kjaghlqu tmintax-il sena u wara din l-eta`,

jekk jibqghu jistudjaw *full-time,* u dan sa massimu ta' l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena. Qieghed jigi ordnat li l-istess manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol li ghandu jew li jista' jkollu jew mill-beneficcji socjali li huwa jkun jista' qieghed jircievi minn zmien ghal zmien. Tilqa' limitatament t-talba ghall-hlas tal-manteniment ghall-attrici nfisha, kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni hawn fuq intestata *Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-attrici ghaliha nnfisha*;

5. Tilqa' s-sitt talba u xxolji u tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni hawn fuq intestata *Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti* u tordna d-dekadenza ta' l-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tordna li l-attrici terga' tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe' dak ta' 'Lia'.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.